MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 419/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Agius**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Agius talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar tnax-il xahar qabel l-10 ta' Frar 2000, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, u cioe`:

(1) Nhar-il Hadd 12 ta' Dicembru 1999 f'xi hin bejn it-3.00 p.m. u 12.00 a.m. ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn 'Villa Hafod' sitwata fi Triq Kurazza, Qawra liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, hin u bil-valur li

jeccedi l-elf lira (Lm1000) ghad-detriment ta' Henricus Adrianos Kemmere u Isabella Maigje Kemmere;

(2) F'xi hin bejn nhar-il Gimgha 3 ta' Dicembru 1999 u l-Hadd 5 ta' Dicembru 1999 ikkommetta serq ta' airconditioner u chiller minn 'Villa La Palma' sitwata fi Triq il-Merill, Kappara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur ghad-detriment ta' Edwin Mintoff;

(3) F'xi hin bejn nhar-il Gimgha, l-1 ta' Ottubru 1999 u l-Gimgha 11 ta' Frar 2000 ikkommetta serq ta' diversi oggetti minn fond 'Coral' sitwat f'Dawret in-Nawfragju, San Pawl il-Bahar, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur ghad-detriment ta' Therese Barthet;

(4) Bejn l-1 ta' Ottubru 1999 u l-10 ta' Frar 2000, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-21 ta' Novembru 2007, li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Joseph Agius, sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 18, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 278, 279 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghal piena ta' sitt snin prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Agius pprezentat fit-30 ta' Novembru 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) thassar is-sentenza appellata billi tiddikjaraha nulla u tiddisponi mill-appell skond il-ligi; minghajr pregudizzju (2) tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li taghmel ahjar u aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel aggravju ta' l-appellant Joseph Agius, aggravju li dwaru fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2009 Dott. Maurizio Cordina ghall-Avukat Generali ddikjara li kien qieghed jaqbel mieghu.

B'referenza ghall-imsemmi l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi huwa gie akkuzat bi tliet imputazzjonijiet ta' serq aggravat u imputazzjoni ta' ricettazzjoni. Dan jirrizulta kemm mir-rapport guramentat ta' l-ufficjal prosekutur kif ukoll mir-rinviju ghall-gudizzju mibghut mill-Avukat Generali. Sussegwentement l-appellant irregistra ammissjoni. Tali ammissjoni, fid-dawl tar-rizultanzi processwali u anke kif accettata mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, kienet ghar-reati ta' serq aggravat. Ir-reat kontemplat fl-artikolu 334 tal-Kap. 9, cioe` r-reat ta' ricettazzjoni, inghata bhala reat alternattiv ghal dak ta' serq u kwindi sejbien ta' htija ghar-reati ta' serq kellu jgib mieghu dikjarazzjoni ta' astensjoni mir-reat ta' ricettazzjoni. Dan ma sarx u, kif jghid l-appellant, l-ewwel Qorti ghaddiet biex sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu u fil-parti kundannatorja ghaddiet biex issemmi wkoll l-artikolu 334 imsemmi. Skond l-appellant dan igib in-nullita` tas-sentenza appellata.

Issa, mill-atti jirrizulta (a fol. 394) illi fis-7 ta' Ottubru 2004 l-appellant irregistra ammissjoni *sic et simpliciter*. Il-verbal rilevanti jghid hekk:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit u l-ufficjal prosekutur.

Ammissjoni.

Wara li l-Qorti tat l-opportunita` lill-imputat jikkonsidra l-ammissjoni dan ikkonferma l-istess ammissjoni."

Minn dan il-verbal tista' tingibed konkluzjoni wahda: li l-appellant kien qieghed jammetti ghall-imputazzjonijiet kollha. Issa, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu, fis-sentenza appellata l-ewwel

Qorti ma tirreferix biss ghall-imputazzjonijiet li jirrigwardaw tliet kazijiet ta’ serq ikkwalifikat, izda tirreferi wkoll ghall-fatt illi fil-garaxx mikri lill-appellant “instabu kwantita` sostanzjali ta’ oggetti ohra provenjenti minn serq, minn sitt fondi separati, kif jirrizulta mix-xiehda a fol. 323 [ta’ l-Ispettur Geoffrey Cilia], apparti diversi oggetti ohra li l-Pulizija ma rnexxilhomx isibu l-proprjetarju taghhom.” F’dar-rigward qed issir referenza wkoll ghax-xiehda ta’ l-Ispettur John Sacco (a fol. 46 *et seq.*) u ghall-istqarrijiet ta’ l-appellant Dok. JS3 u JS4. Jigifieri hawn huwa evidenti illi l-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni ma nghatatx bhala imputazzjoni alternattiva ghall-imputazzjonijiet dwar serq izda bhala imputazzjoni li tirrigwarda oggetti ohra provenjenti minn serqiet ohra u li gew elevati mill-garaxx mikri lill-appellant u ghalhekk fil-pussess tieghu. Ghalhekk l-ewwel aggravju ta’ l-appellant ma jistax jigi akkolt.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju ta’ l-appellant u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------